TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 180/16/F

**Mark Caruana**

**vs**

**Luca Falzon**

Illum 29 ta' Novembru, 2016

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fil-5 t'Ottubru, 2016 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' elf ewro (€1,000), rappreżentanti depożitu fuq karozza li kien ra fuq Maltapark.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa l-istess intimat, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien ra vettura fuq Maltapark u kienet reklamata li kienet tal-2006, pero' fil-fatt il-vettura kienet tal-2004, u din tagħmel differenza għar-rigward il-liċenzja.

L-intimat issottometta illi hu kien leali u qal li kienet bid-data tal-2004.

It-Tribunal, talab lill-partijiet sabiex iġibu prova ta' dan, pero' minħabba l-fatt illi dawn ġew ikkanċellati minn fuq Maltapark, ħadd ma seta' jġib il-prova neċessarja.

It-Tribunal, pero' qed jemmen lir-rikorrenti, illi meta raha kienet bis-sena 2006 u mhux 2004, b'hekk huwa ġustifikat li seta' jikkanċella l-bejgħ.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lill-intimat iħallas lura lir-rikorrenti l-ammont ta' elf ewro (€1,000), u bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070, FAX: (+356) 21239888